MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 710/2012

**Untours Insurance Agency Ltd Noe**
**Vs**
**Palumbo Malta Shipyard Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi fejn is-socjeta' attrici qalet illi l-attur kellu l-vettura tieghu Toyota Ist numru KBL 823 pparkjata quddiem Block 4B, fuq San Gwann T'Ghuxa Bormla bejn il-11 u 12 ta' Jannar, 2011.

Illi meta huwa mar fejn il-vettura tieghu Saviour Micallef sab it-Toyota mimlija tikek bojod maghmula minn xi spray.

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata thallas id-danni permezz ta' ittra legali datata 28 ta' Awissu, 2012 annessa bhala dokument G baqghet inadempjenti.

Illi l-ispiza tammonta ghal erba mija, disgha u tletin ewro wiehed u hamsin centezmu (€439.51c).

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu sabiex it-Tribunal jikkudanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma msemmija flimkien mal-ispejjez ta' tlett ittri legali u tal-avviz, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

Illi s-socjeta’ konvenuta pprezentat risposta fl-20 ta’ Novembru, 2012 fejn eccepiet illi ma hemm ebda prova li l-hsara saret mill-konvenuti u/jew tort taghhom.
Xehed Mario Mifsud prodott mis-socjeta attrici bhala rapprezentant taghha li kkonferma d-dokumenti pprezentati bil-gurament tieghu.
Xehed ukoll Saviour Micallef li bil-gurament tieghu qal li ghamel il-*claim* peress illi fit-12 tà Jannar, 2011 kien ipparkja l-karrozza pero meta mar ghaliha sabha kollha raxx taz-zebgha. Dan ir-raxx kien taz-zebgha li kienu qed juzaw biex jisprejjaw ta’ Palumbo Malta Shipyards. Dawn kienu qed jisprejjaw madwar 200 metru l boghod mid-dar tieghu u cioe fejn kienet ipparkjata l-karrozza. Hu hallas l-*excess* u ghamel rapport.
Xehed PC 540 Anthony Fava prodott mis-socjeta’ attrici. Dan ix-xhud jghid illi hu kien stazzjonat fl-ghassa ta’ Bormla meta mar Saviour Micallef fid-19 ta’ Jannar, 2011 u rrapporta li kellu l-karrozza pparkjata f’San Gwann t’Ghuxa Bormla liema karrozza gratilha hsara peress illi kellha hafna tikek bojod fuq il-*body* taghha. Il-karrozza kienet tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni KBL-823. Saviour Micallef kien tkellem u sar jaf illi dawn it-tikek kienu gejjin minghand Palumbo Shipyards. Ix-xhud jghid illi peress illi kellhom hafna rapporti bhal dawn kellhom jirrappurtaw kollox ghand Spettur wiehed u filfatt hekk gara. Jghid ukoll illi hu kien nizzel l-ammont ta’ erbgh mitt ewro (€400) pero jistgha bi zball ikun nizzel ammont hazin u dan peress illi l-istima telghet iktar.
Xehed ukoll Anthony Mizzi bhala *surveyor* tas-socjeta’ attrici li bil-gurament tieghu xehed illi kien inkarigat jaghmel *survey* mis-socjeta’ attrici fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBL 823. Il-karrozza ra fit-18 ta’ Jannar, 2011 u ra li l-karrozza kellha bzonn bicca *plastic* kif ukoll li tigi ppolixxjata kollha. Dan ix-xhud ipprezenta kopja tar-rapport tieghu u qal illi rrizultalu li l-karrozza kienet ipparkjata f’post li mill-esperjenza tieghu jaf li jintuza *sand blasting* u materjal iehor li bih il-karrozza tispicca *pitted u l-pitting* jitnehha biss billi jinghata l-*polish.*
It-Tribunal jikkunsidra illi s-socjeta’ konvenuta minkejja li resqet risposta ma’ gabet l-ebda prova u lanqas dehret sabiex tirribatti l-provi migjuba mis-socjeta’ attrici.

Illi t-Tribunal ta' cans sabiex is-socjeta' konvenuta tressaq il-provi taghha pero naqset milli taghmel dan.

Ghalhekk fuq il-provi mressqa quddiem it-Tribunal, dan it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' erba' mija u disgha u tletin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€439.51) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------